C/2024/4533

16.7.2024

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11605 — ICG / DGS)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/4533)

1. Fid-9 ta' Lulju 2024, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Intermediate Capital Group plc ("ICG", ir-Renju Unit),

— DGS S.p.A. ("DGS", l-Italja), kkontrollata minn Tech Holding S.r.l. (l-Italja).

ICG se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' DGS kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni qed issir permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— ICG hija maniġer tal-assi alternattivi globali f'ekwità strutturata u privata, dejn privat, assi reali, u kreditu bbażata fir-Renju Unit bi preżenza fl-Ewropa, l-Asja-Paċifiku u l-Istati Uniti,

— DGS hija fornitur ta' servizzi u soluzzjonijiet tal-IT għaċ-ċibersigurtà u t-trasformazzjoni diġitali tan-negozju u hija involuta fl-oqsma tat-tfassil, l-integrazzjoni, l-implimentazzjoni u l-ġestjoni tal-evoluzzjoni tas-sistemi tal-IT u l-applikazzjonijiet tan-negozju, tipikament għall-klijenti korporattivi u l-istituzzjonijiet pubbliċi.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.
Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.
Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11605 — ICG / DGS

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Indirizz tal-posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu
Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.